## … *Ikompli* MINN MUSEUM TAS-SUBIEN GĦAL DEMENTIA DAY CENTRE U NIGHT SHELTER

Għal kważi 30 sena, dan il-post baqa' jaqdi l-iskop li għalih inbena billi jgħin u jsostni r-realtà parrokkjali, imma problemi strutturali li bdew jiżviluppaw, speċjalment fis-saqaf tas-sular ta' fuq, illimitawh sewwa tant li ġie mitluq, speċjalment minħabba sigurtà.



***Proġett li nibet fuq ispirazzjoni tal-Papa Franġisku***

Tul dawn l-aħħar snin, speċjalment mill-2016, il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena, fuq ispirazzjoni tal-Papa Franġisku, nibtet fostna x-xewqa u l-idea li dan il-post nerġgħu nqajjmuh fuq saqajh ħalli noffruh għar-realtà partikulari li tmiss lil min hu dgħajjef u naraw kif nippruvaw nieħdu ħsiebu fi ħtiġijiet partikulari. Meta flimkien mas-Sindku u bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera Lokali kollha, avviċinajna lid-Direttorat tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, sibna appoġġ u b'sintonija ħdimna flimkien biex bil-barkiet u bl-approvazzjonijiet kollha meħtieġa - sew dawk ekkleżjastiċi u sew ċivili - inkunu nistgħu naslu għal dan il-pass tal-lum, li l-Arċidjoċesi ta' Malta għan-nom tal-Parroċċa ta' Ħal Safi, tgħaddi b'kirja raġonevoli għal perjodu ta' 25 sena lid-Direttorat konċernat din il-proprjetà ***1G, ta' Triq iż-Żurrieq***, f'Ħal Safi (magħrufa fostna bħal l-Museum l-Antik) sabiex ikun jista' jirranġah u joffrih lis-soċjetà bħala Ċentru ta' matul il-jum għal persuni li jbatu bid-dimensja u xelter għall-anzjani biex ma jitħallewx weħidhom filgħaxija u tul il-lejl.

Jalla l-Mulej ikompli jseddaq din l-idea mwaħħda ma' tant rieda u ħidma ħalli din il-binja tinbidel f'ambjent, anzi f'esperjenza, tant sabiħa u bżonnjuża li toffri faraġ u sosten lil min għandu lil xi ħadd għażiż - jekk mhux hu stess - li jkun għaddej mir-realtà fraġli tad-dimensja jew mir-realtà ta' anzjani li l-lejl ikollhom jgħixuh f'solitudni.

Jalla **r-realtà ta' dan il-proġett tkun aqwa mill-idea** u tkun il-milja tal-inizjattiva li llum qed naqblu u nintrabtu li nwettqu.

Grazzi lil kulmin għen biex qed naslu għal dan il-pass, u lil kulmin ser ikompli jiddedika lilu nnifsu u ħidmietu biex isir ir-ristrutturar u r-rinovar ippjanat u meħtieġ ħalli l-faċilità u l-proġett kollu jkun jista' jibda jopera bil-professjonalità meħtieġa u fl-iqsar żmien possibbli. Hekk flimkien inkunu qed *"inpoġġu fil-prattika l-Kelma ta' Alla, biex inwettqu opri ta' ġustizzja u karità fejn din il-Kelma tista' tħalli l-frott."* **(Ara EG 233)**



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## MINN MUSEUM TAS-SUBIEN GĦAL DEMENTIA DAY CENTRE U NIGHT SHELTER





Kif kien tħabbar fl-Avviżi xi ġimgħatejn qabel bdejna ngħixu l-mumenti tar-restrizzjonijiet minħabba l-emerġenza tal-pandemija Covid-19, nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu 2020 fit-3:00pm ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi, ġie iffirmat il-kuntratt li bih il-proprjetà tal-parroċċa ta' Ħal Safi, 1G, Triq iż-Żurrieq, Ħal Safi, magħrufa bħala l-MUSEUM tas-subien l-antik inkriet mill-Arċidjoċesi ta' Malta għal perjodu ta' 25 sena lid-Direttorat tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità sabiex isservi ta' *Dementia Day Centre* u *Night Shelter*.

Il-ftehim ġie iffirmat mis-Sur Roberto Buontempo, il-Maniġer tal-Propjetà tal-Arċidjoċesi u Dr Renzo De Gabriele, id-Direttur ta' dan id-Direttorat, u jattendu għaċ-ċerimonja li saret fl-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi kien hemm ukoll jien, Kan. David Farrugia, bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Safi, l-Onor. Silvio Parnis, is-Segretarju Parlamentari responsabbli minn dan is-settur, u s-Sur Johan Mula, is-Sindku ta' Ħal Safi.



***Mill-Kitba fuq il-Karti għall-Ħidma konkreta***

Issa li lejn l-aħħar ta' Ġunju u fl-ewwel ġimgħat ta' Lulju nbeda x-xogħol konkret fuq dan il-proġett, ħsibt li nfakkarkom fid-diskors li kont għamilt għall-okkażjoni, fejn għidt dan li ġej:

Il-Papa Franġisku, fl-Eżortazzjoni Appostolika *'Evangelii Gaudium'* - meqjusa bħala l-programm tal-pontifikat tiegħu - jagħtina din l-espressjoni, jew aħjar prinċipju li ġej: ***"ir-realtà hi ogħla / aqwa mill-idea."*** **(Ara EG 231-233)**

Tul il-parrokat tiegħi, flimkien mal-membri tal-Kunsill Parrokkjali, fl-ippjanar u l-ħidma pastorali tagħna, rajna li din il-proprjetà - inizjalment *58, Triq San Pawl,* qabel infetħet Triq iż-Żurrieq - inqatgħet sew mir-realtà parrokkjali u għalhekk ftaqret bil-kbir ladarba l-ħsara u d-deċiżjonijiet li ttieħdu illimitawlha u xejnulha l-idea u l-iskop nobbli li kellha u li tant kienet isservi tajjeb: dik li tiġbor diversi subien għat-tagħlim tal-katekiżmu f'ambjent adatt u san.

Għax għalhekk kienet ġiet ippjanata din il-binja mill-Perit J. Xuereb; għalhekk kien stinka s-Superjur Vincent Meli, minn Ħal Tarxien, li għadu mimli bl-għomor, kif ukoll diversi superjuri u soċi tal-Museum li raw li dan il-post mhux biss jinbeda u jinbena, imma li jkollu valur u fuq kollox ruħ; għalhekk kien tant ħaseb u insista, stinka u ħeġġeġ il-Kappillan Żabbari, Dun Karm Lia, tul id-dsatax il-sena parrokat tiegħu f'Ħal Safi, u li llum ippermettuli nsellem b'aċċent partikulari l-memorja tiegħu għax kien *proprju bħal-lum 41 sena ilu* meta nhar is-Sibt 3/03/1979 miet ħesrem fid-Dar Parrokkjali stess fl-4:30pm. L-idea ta' dan il-Kappillan kienet li permezz tas-soċi tal-Museum, din il-binja tipprovdi spazju ta' formazzjoni nisranija lit-tfal u anke liż-żgħażagħ, flimkien ma' spazju adatt għal ċelebrazzjonijiet familjari.

Infatti wara li nhar is-7/06/1964 tbierket u tqiegħdet l-ewwel ġebla mill-Kanċillier tal-Kurja Mons. Giovanni Mifsud - liema ġebla għadha tidher fil-faċċata - u wara sena, nhar it-28/08/1965 kien tlesta s-sular t'isfel u tbierek mill-Isqof Mikiel Gonzi, l-inawgurazzjoni tat-tieni sular saret mill-Kappillan Lia stess nhar it-25/08/1969. Hekk dan il-post beda jilqa':

- it-tagħlim regolari tal-katekiżmu tat-tfal subien,
- il-formazzjoni u r-rikreazzjoni li bħala *Youth Centre* beda joffri lil diversi żgħażagħ, u wkoll
- iċ-ċelebrazzjonijiet familjari ferrieħa bħalma kienu festini fl-okkażjoni ta' Magħmudija, u saħansitra riċevimenti ta' żwiġijiet.

*... ikompli paġna 4*



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Izaac Schembri
Julia Bonnici
Thomas Pace
Benjamin Debattista
Luke Debono Fsadni
Nathaniel Agius
Laura Azzopardi

***Nitolbu għalihom!***





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Lulju 2020

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 1 ta' Lulju | Fis-6:30pm - Quddiesa mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace. Mistiedna speċjali huma l-membri tal-Kunsill Parrokkjali u l-għaqdiet tal-parroċċa. |
| Il-Ħamis 2 ta' Lulju | Fis-7:30am - Quddiesa mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace. |
| Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-5:45pm - Qrar<br>Fis-6:30pm - Quddiesa mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace. Mistiedna speċjali huma l-membri tal-Kor *Sine Macula* u l-familji tagħhom.<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni. |
| Is-Sibt 4 ta' Lulju | Fis-6:30pm - Quddiesa mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace. |
| Il-Ħadd 5 ta' Lulju | Fl-10:30am - Quddiesa mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace, bil-preżenza tal-familji tiegħu, u bis-sagrament tal-Magħmudija. |
| Is-Sibt 11 ta' Lulju | Fis-6:30pm - Quddiesa mis-saċerdot novell, Dun Jonathan Debattista, li fil-mixja tiegħu lejn is-saċerdozju kien għamel is-sajf tal-2015 bħala seminarista fil-parroċċa tagħna. |
| Il-Ħadd 12 ta' Lulju | Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija |
| Il-Ġimgħa 17 ta' Lulju | Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri tat-Tfal tal-Preċett mal-Kappillan fil-Knisja Parrokkjali |
| Il-Ħadd 19 ta' Lulju | Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija |
| It-Tnejn 20 ta' Lulju | Fil-5:00pm - Laqgħa għat-Tfal mal-Kappillan fil-Knisja Parrokkjali |
| L-Erbgħa 22 ta' Lulju | Mill-5:00pm - L-Ewwel Qrara għat-Tfal<br>sas-6:00pm fil-Knisja Parrokkjali |
| Il-Ġimgħa 24 ta' Lulju | Fil-5:00pm - Prova fil-Knisja taċ-Ċerimonja tal-Ewwel Tqarbina |
| Is-Sibt 25 ta' Lulju | Mill-5:00pm - Qrar għall-Ġenituri<br>sas-6:00pm fil-Knisja Parrokkjali |
| Il-Ħadd 26 ta' Lulju | **Jum l-Ewwel Tqarbina**<br>Fl-10:30am - Quddiesa bl-Ewwel Tqarbina |